MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 130/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sigismondo Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sigismondo Mifsud talli tul ix-xhur ta’ Novembru u Diembru 2007 naqas illi jipprovdi l-manteniment li jammonta ghal Lm260 lil martu Salvina u lil ibnu minuri Elmar bi ksur ta’ digriet nru. 1457/98NC Qorti tal-Familja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Mejju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-appellant (allura imputat) sabet lill-imsemmi Sigismondo Mifsud hati ta’ l-

imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Sigismondo Mifsud ipprezentat fit-13 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena anqas harxa u idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa dwar il-piena li jqis eccessiva peress illi l-appellant jghid li ma jistax ihallas manteniment u min qed jirrapporta qed jaghmel hekk mhux ghax bzonn il-flus izda biex jara lil zewgu sejjer il-habs. Jghid li huwa ghamel proposta lil martu biex tiehu sehmu mid-dar konjugali ghas-saldu tal-pretensjonijiet ta' manteniment dovut lilha kemm prezenti kif ukoll futuri, liema proposta ma gietx accettata minnha.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant ma jistax hlief jigi respint salv konsiderazzjoni tac-cirkostanzi partikolari attinenti ghall-kaz. F'dan il-kaz kien hemm zvilupp pozittiv konsistenti fil-fatt li seduta stante llum stess l-appellant hallas lil martu l-manteniment dovut lilha u li dwaru ttiehdu dawn il-proceduri.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament."**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€58.25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------